31987R1381

21.5.1987 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 132/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1381/87
Ta' l-20 ta' Mejju 1987
li jistabbilixxi regoli dettaljali dwar l-immarkar u dokumentazzjoni ta' bastimenti tas-sajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2057/82 tad-29 ta' Ġunju 1982 li jwaqqaf ċerti miżuri ta' kontroll għall-attivitajiet tas-sajd [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 4027/86 [2], u b'mod partikolari l- l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi l-Artikolu 4(e) u (f) tar-Regolament (KEE) Nru 2057/82 jipprovdi għall-adozzjoni ta' regoli dettaljati għall-immarkar, identifikazzjoni u ċertifikazzjoni ta' bastimenti tas-sajd;

Billi huwa meħtieġ li jitwaqqfu regoli komuni għall-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd ta' l-Istati Membru u t-tagħmir tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu identifikati faċilment;

Billi huwa meħtieġ li l-karatteristiċi prinċipali ta' ċerti bastimenti tas-sajd jitniżżlu fid-dokumenti uffiċjali li huma disponibbli għall-kontroll;

Billi huwa meħtieġ li d-dokumenti uffiċjali jinżammu abbord ċerti bastimenti tas-sajd li jindikaw il-kapaċità tal-kmamar tal-ħut u t-tankijiet ta' l-ilma baħar iffriżat jew miżmum kiesaħ, sabiex jippermettu stima eżatta tal-qabdiet abbord;

Billi, taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2057/82, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri nazzjonali ta' kontroll li jmorru 'l hemm mill-ħtiġijiet tal-Komunità sakemm dawn iħarsu l-liġi tal-Komunità u jikkonformaw mal-politika komuni tas-sajd;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta', jew ikunu rreġistrati fi Stat Membru għandhom jiġu mmarkati kif ġej:

1. L-ittra/i tal-port jew distrett li fih il-bastiment ikun irreġistrat u n-numru/i li taħthom ikun irreġistrat għandhom ikunu miżbugħa jew murija fuq iż-żewġ naħat tal-pruwa, fl-aktar punt għoli kemm jista' jkun 'il fuq mill-baħar sabiex ikunu jidhru b'mod ċar mill-baħar u mill-ajru, b'kulur li jkun jaqta' ma' dak li fuqu jkunu miżbugħin.

   Għall-bastimenti ta' tul ta' aktar minn 10 metri iżda mhux aktar minn 17-il metru, id-daqs ta' l-ittri u n-numri għandu jkun ta' l-anqas 25 ċentimetru, bi ħxuna tal-linja ta' l-anqas ta' 4 ċentimetri. Għall-bastimenti ta' aktar minn 17-il metru tul, l-għoli ta' l-ittri u n-numri għandu jkun ta' l-anqas 45 ċentimetru, u l-ħxuna tal-linji ta' l-anqas 6 ċentimetri.

   L-Istat tal-bandiera jista' jeħtieġ li l-*call sign* internazzjonali tar-radju (IRCS), jew l-ittri u n-numri tar-reġistrazzjoni, jiġu miżbugħa fuq is-saqaf tal-kabina tat-tmexxija, sabiex ikunu jidhru b'mod ċar mill-ajru, b'kulur li jikkontrasta ma' dak li fuqu jkunu miżbugħin.

2. Sa mill-1 ta' Jannar 1990, il-kuluri ta' kuntrast għandhom ikunu l- abjad u l-iswed.

3. L-ittri u n-numri miżbugħin jew murija fuq il-bastiment m'għandhomx jiġu mħassra, mibdula, jew jitħallew li jsiru fi stat li ma jinqrawx, jitgħattew jew jinħbew.

Artikolu 2

1. Dgħajjes żgħar li jinġarru abbord bastimenti tas-sajd li jkunu jtajru l-bandiera ta', jew li jkunu rreġistrati fi, Stat Membru għandhom ikunu mmarkati bl-ittra/i u n-numri/i tal-bastiment li għalih jappartjenu.

2. Bagi u oġġetti simili li jżommu f'wiċċ l-ilma u li huma maħsuba sabiex jindikaw il-lok ta' tagħmir tas-sajd għandhom f'kull ħin ikunu mmarkati b'mod ċar bl-ittra/i u n-numru/i tal-bastiment li għalih jappartjenu.

Artikolu 3

1. Kull bastiment tas-sajd ta' aktar minn 10 metri tul għandu jġorr abbord id-dokumenti, maħruġa mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih ikun irreġistrat, u għandu ta' l-anqas juri l-elementi li ġejjin:

— l-isem, jekk ikun hemm,

— l-ittra/i tal-port jew distrett li fih ikun irreġistrat, u n-numru/i li taħthom ikun irreġistrat,

— il-*call sign* internazzjonali tiegħu tar-radju, jekk ikun hemm,

— l-isem u l-indirizz tal-proprjetarju/i u, fejn japplika, ċ-*charterer*/s,

— it-tul tiegħu, is-saħħa tal-magna u għall-bastimenti li jidħlu fis-servizz wara l-1 ta' Jannar 1987, id-data tad-dħul fis-servizz.

[1] ĠU L 220, 29.7.1982, pġ. 1.
[2] ĠU L 376, 31.12.1986, pġ. 4.

2. Bastimenti ta' tul ta' aktar minn 17-il metru għandhom iżommu abbord disinnji u deskrizzjonijiet tal-kmamar tal-ħut, inkluża indikazzjoni tal-kapaċità tal-ħażna f'metri kubi.

Il-bastimenti kollha b'tankijiet ta' l-ilma baħar iffriżat jew miżmum kiesaħ għandhom iżommu abbord dokument li jindika l-kalibrazzjoni tat-tankijiet f'metri kubi f'intervalli ta' 10 ċentimetri.

Id-dokumenti li għalihom jirreferu l-aħħar żewġ sub-paragrafi ta' qabel għandhom jiġu ċċertifikati minn awtorità kompetenti.

3. Kull tibdil fil-karatteristiċi li jinsabu fid-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu ċċertifikati minn awtorità kompetenti u għandu jkun spjegat b'mod ċar il-metodu li bih ikun twettaq xi tibdil fis-saħħa tal-magna.

4. Ħlief fir-rigward tat-tul u s-saħħa tal-magna, d-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu dwar il-ħruġ ta' dokumenti mill-awtorità kompetenti għandu japplika mill-1 ta' Jannar 1990. Id-disposizzjonijiet dwar it-tul u s-saħħa tal-magna għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 1990 fil-każ ta' bastimenti li jidħlu fis-servizz jew isir tibdil fihom wara l-1 ta' Ottubru 1987 jew wara dik id-data, u mit-18 ta' Lulju 1994 fil-każ ta' bastimenti tas-sajd oħrajn. Sa l-1 ta' Jannar 1990 u t-18 ta' Lulju 1994, skond il-każ, u fin-nuqqas ta' dawk id-dokumenti, il-proprjetarju tal-bastiment għandu jistabbilixxi u jiffirma ċ-ċertifikazzjoni relevanti.

5. Id-dokumenti li għalihom jirreferi dan l-Artikolu għandhom jintwerew għall-iskopijiet ta' kontroll fuq talba ta' l-ispettorat ta' l-Istat Membru.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 1987.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Mejju 1987.

Għall-Kummissjoni

António CARDOSO E CUNHA

Membru tal-Kummissjoni